*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,137, 18 ta' Lulju, 1995*
*Taqsima C*

# Nru. 125

18. 7. 95

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Eddie Fenech Adami, M.P., Prim Ministru, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-5 ta' April, 1995.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta'Malta billi jagħmel dispożizzjonijiet dwar l-elezzjoni ta' *Deputy Speaker* tal-Kamra tad-Deputati.**

A BILL introduced by the Honourable Eddie Fenech Adami, M.P., Prime Minister, and read the First time at the Sitting of the 5th April, 1995.

**AN ACT further to amend the Constitution of Malta making provisions relating to the election of the Deputy Speaker of the House of Representatives.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta billi jagħmel dispożizzjonijiet dwar l-elezzjoni ta' Deputy Speaker tal-Kamra tad-Deputati.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni". Titolu fil-qosor.

**2.** Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 59 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 59 tal-Kostituzzjoni.

(a) id-dispożizzjoni li hemm għandha tiġi enumerata bħala l-paragrafu (a) tiegħu;

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:–

"(b) Id-*Deputy Speaker* jiġi elett minn fost il-membri tal-partit ta' l-oppożizzjoni li jkollu għadd numeriku fil-Kamra tad-Deputati li jkun akbar mill-għadd ta' kull partit ieħor ta'

l-oppożizzjoni u meta jkun hemm għadd numeriku indaqs fil-partiti ta' l-oppożizzjoni fil-Kamra, id-*Deputy Speaker* għandu jiġi elett minn fost il-membri tal-Kamra li jkunu ta' l-istess partit bħalma jkun il-Kap ta' l-Oppożizzjoni:

Iżda jekk ebda membru li jkun ta' dak il-partit jew partiti li jkunu fl-oppożizzjoni ma jkun irid jaċċetta li jiġi nominat sabiex jiġi elett bħala *Deputy Speaker*, il-Kamra tista' teleġġi lil liema membru trid biex jokkupa dik il-kariga.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' l-Abbozz huwa sabiex jipprovdi li l-elezzjoni ta' *Deputy Speaker* tal-Kamra tad-Deputati tkun minn fost il-membri li jkunu fl-Oppożizzjoni.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT further to amend the Constitution of Malta making provisions relating to the election of the Deputy Speaker of the House of Representatives.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:

**1.** This Act may be cited as the Constitution of Malta (Amendment) (No. 2) Act, 1995, and shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution". Short title.

**2.** Subsection (3) of section 59 of the Constitution shall be amended as follows: Amendment of section 59 of the Constitution.

(a) the present provision shall be renumbered as paragraph (a) thereof;

(b) immediately after paragraph (a) thereof, as renumbered, there shall be added the following new paragraph:

"(b) The Deputy Speaker shall be elected from among the members of the opposition party whose numerical strength in the House of Representatives is greater than the strength of any other opposition party and where there is an equality in the numerical strength of the

opposition parties in the House, the Deputy Speaker shall be elected from among the members of the House belonging to the same party as the Leader of the Opposition:

Provided that if no member belonging to such party or parties which are in the opposition is willing to accept to be nominated to be elected Deputy Speaker, the House may elect any member to that office.".

---

## Objects and Reasons

The purpose of the Bill is to provide that the election of Deputy Speaker of the House of Representatives shall be from among the members belonging to the Opposition.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni - Kastilja — *Published by the Department of Information - Castille*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 4c — *Price 4c*